StudentBounty.com

# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKOLA SEKONDARJA 2010

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IR-RABA' KLASSI** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

## (KARTA SPEĊJALI)

**Isem :** ______________________ **Klassi :** ____________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 30 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## A. Silta għall-qari (18-il marka)

# Veru jew falz?



Ix-xhur tas-sajf qegħdin hemm biex nitgħażżnu u ma nagħmlu xejn. Falz.

Ix-xhur tas-sajf iservu biex nistrieħu mill-istudju. Iżda ma jfissirx li m’għandna nagħmlu xejn! Huwa importanti li ninvolvu ruħna f’attivitajiet li jgħinuna niżviluppaw u niltaqgħu ma’ nies ġodda. Il-qari huwa wkoll importanti.

Fis-sajf nistgħu nqattgħu ħafna aktar ħin ma’ sħabna u nagħmlu ħbieb ġodda. Veru. Iżda d-deċiżjonijiet li nieħdu għandna nieħduhom mhux għax iġegħluna sħabna. Nieħduhom għax verament naħsbu li huma tajba.

Fis-sajf għandna nieħdu l-opportunità biex ninvolvu ruħna f’aktar attivitajiet. Veru. Għandna ninvolvu ruħna fl-għawm, żfin, mixjiet fil-kampanja u volontarjat.

(addattament minn kitba li dehret f’ *Sagħtar* ta’ Mejju 2009)

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tirriga sinjal taħtha:(6 marki)

i. Is-sajf iservi biex (inżidu l-istudju, nibqgħu nistudjaw, nistrieħu mill-istudju).

ii. Importanti li (niltaqgħu ma’ nies ġodda, naħarbu n-nies, nkellmu lil ta’ ġewwa biss).

iii. Tajjeb ukoll li (naħarbu l-kotba, ma naqrawx, naqraw).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Sib u ikteb il-kelma li jonqos: (6 marki)

i. Fis-sajf nistgħu nqattgħu aktar ħin ma' s____________.

ii. Għandna nieħdu d_________________ tajba.

iii. Dawn niħduhom għax v________________ huma tajba.

3. Kompli biex tikteb sentenza. (6 marki)

i. Fis-sajf ________________________________________
________________________________________________.

ii. Għandna ______________________________________
________________________________________________.

## B. Lingwa (28 marka)

1. Erġa' ikteb u poġġi l-punteġġjatura li toqgħod bħal fl-eżempju: (6 marki)

i. ħija michael mar l-ingilterra
<u>Ħija Michael mar l-Ingilterra.</u>





ii. min bena dak it-torri

____________________________



iii. kemm tħobb iċċafċaf fl-ilma

____________________________



iv. Qallu: qum u imxi

____________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bħal fl-eżempju:
(6 marki)

| **Kolonna A** | | **Kolonna B** | |
|---|---|---|---|
| 1 | Victor | | wara l-kjù. |
| 2 | Mhux talli seraq, | | inkella *vo* |
| 3 | Stenna | | imma mhix fil-periklu tal-mewt. |
| 4 | L-ewwel daħak | | talli kisser kollox! |
| 5 | La nħobb it-tuffieħ u | 1 | u Marija marru Għawdex. |
| 6 | Ħabtet | | imbagħad beka. |
| 7 | Jew *vi* | | lanqas il-laring. |

3. Imla l-vojt fis-sentenzi li ġejjin bil-kelma t-tajba mill-kaxxa bħal fl-eżempju: (8 marki)

i. Fil-karozza tista' tirkeb <u>quddiem</u> u tista' tirkeb <u>wara</u>.



ii. Il-fann idur 'l __________ u jdur 'l __________.



iii. Xħin titbandal daqqa tkun _________ u daqqa tkun ________.



iv. ________ it-Tnejn u __________ t-Tlieta.

v. Ix-xemx _____________ titla' u ______________ tinżel.



| |
|---|
| hawn, filgħodu, **quddiem**, fuq, Illum, hemm, isfel, **wara**, filgħaxija, għada |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. X'kont qiegħed tagħmel f'dawn il-ħinijiet? Agħżel l-aħj tweġiba mill-kaxxa bħal fl-eżempju: (8 marki)



i. Fis-sitta ta' filgħodu?
Kont <u>rieqed</u>.

ii. Fis-sebgħa u nofs ta' filgħodu?
Kont qed ________________

iii. Fin-nofs siegħa?
Kont qed ________________

iv. Fl-erbgħa ta' wara nofsinhar?
Kont qed______________________

v. Fid-disgħa ta' filgħaxija?
Kont qed ______________________

| |
|---|
| nara t-televixin, ninħasel, **rieqed,** niekol, nagħmel il-*homework* |

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa ħalli tikteb regolamenti għal konkors tat-tpinġija.

- Ix-xogħlijiet ser ikunu maqsumin f'2 ______________: minn 10 sa 15-il sena, u minn 15-il sena 'l fuq.
- Jiġu ______________ l-ewwel 3 postijiet ta' kull kategorija.
- Jingħataw trofew u somma ta' flus lir-____________.
- Persuna tista' ______________ aktar minn tpinġija waħda.
- It-tpinġijiet iridu jkunu _____________u li qatt ma ġew esebiti qabel.
- Id- __________ tal-għeluq hi s-16 ta' Settembru 2010.

| |
|---|
| tippreżenta, data, kategoriji, rebbieħa, ppremjati, oriġinali |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# D. Letteratura (12-il marki)

## i. Proża

### Ġenna tal-Art



'Fjur tad-dinja', 'Perla tal-Mediterran', u tant ismijiet oħra mill-aktar ħelwin ġew mogħtija lil din l-għażiża Malta tagħna minn bosta kittieba.

U ma jkun fiha xejn jekk aħna wkoll nagħtuha isem ieħor ħelu u nsejħulha: 'Ġenna tal-Art'. Ġenna tal-art għax mimlija bi bnedmin li ma jafux x'inhi mibegħda, daħk fil-wiċċ, gideb. L-imħabba u l-maħfra jsaltnu mingħajr mittiefsa f'dawn il-gżejjer.

Min għandu l-wiċċ tost li jiċħad li Malta mhix tassew 'Ġenna tal-Art'?

(addattament minn **Malta Ġenna tal-Art** ta' Ġ. E. Mercer)

Agħżel l-aħjar tweġiba billi tagħmel sinjal taħtha: (6 marki)

(a) Min ta lil Malta numru ta' ismijiet ħelwin?

i. Diversi rejiet taw lil Malta dawn l-ismijiet.
ii. Diversi kittieba taw lil Malta dawn l-ismijiet.

(b) Għaliex 'Ġenna tal-Art'?

i. 'Ġenna tal-Art' għax mimlija bi bnedmin tajba.
ii. 'Ġenna tal-Art' għax mimlija annimali u siġar.

(ċ) Taħseb li l-awtur tas-silta veru jemmen dan?

i. Iva, l-awtur veru jemmen dan.
ii. Le, l-awtur ma jemminx dan; hu jrid juri l-maqlub.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## ii. Poeżija



Ibki binti,
ħa nerfgħek u nħaddnek
u ngħannqek u nfissdek,
immellsek u nbennek.

(strofa minn **Sentiment** ta' Philip Sciberras)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tirriga sinjal taħtha: (6 marki)

(a) Il-poeta qed jitkellem ma' (bintu tarbija, oħtu, ibnu).

(b) Il-poeta qed jgħid lil bintu (tidħak, tisgħol, tibki).

(ċ) Qed jgħidilha tagħmel hekk ħalli (jfissidha, jidħak biha, jagħtiha kastig).

# E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi (30 marka)

1. Qiegħed in-numri 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli t-tagħrif dwar il-kantanta Rihanna. (10 marki)

| | |
|---|---|
| L-ewwel album tagħha, *Music of the Sun* (2005), kellu taħlita ta' mużika *reggae* u *R&B*. | |
| Il-kantanta Rihanna twieldet il-Barbados fl-1988. Għandha 22 sena imma hi diġà kantanta stabbilita. | **1** |
| L-aħħar album tagħha, *Good Girl Gone Bad* (2007), fih suċċessi bħal *Disturbia*, *Umbrella* u *Take a Bow*. | |
| Ta' 16-il sena marret l-Amerika ħalli tibda karriera mużikali. | |
| Hemm mill-ewwel ġibdet l-attenzjoni għax għandha vuċi tassew qawwija u tkanta b'kisra li tfakkar lil dak li jkun fl-ambjent eżotiku tal-pajjiż nattiv tagħha. | |
| S'issa Rihanna biegħet 'il fuq minn 12-il miljun album madwar id-dinja u s-suċċess donnu li ser ikompli! | |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**U**

2. Ikteb madwar **200** kelma dwar **wieħed** minn dawn. Il-kliem fil-parentesi jista' jgħinek: (20 marka)

i. **Ħriġt għall-ewwel darba mal-ħbieb minflok mal-ġenituri.**(ridt inkun indipendenti; meta ħriġt; xħin; ma' min; fejn mort; x'għamilt; kemm domt; ħadt gost jew le?)

ii. **Il-kampanja Maltija.** (widien; għoljiet; ħitan tas-sejjieħ; imtieħen; siġar; fjuri u pjanti; friefet; għasafar; gremxul)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers